# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tat-12 ta' Lulju 2021

Kollizjoni

**Il-Pulizija**
**(Spettur )**
**vs**

**Claudette Rogers**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata, **Claudette Rodgers**, bint Nazzareno Galea u Eugenia nèe Spiteri mwielda fit-13 ta' Lulju 1981 u toqgħod 81, 'Paradise', Flt 2, Triq Wignacourt, Birkirkara, detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 379281M, talli fis-26 ta' Ottubru 2020 għall-ħabta ta' l-erbgha u ghoxrin minuta ta' wara nofs inhar (16:20) fi Triq Wignacourt, Birkirkara, kantuniera ma' Triq Dun Gaetano Mannarino, Birkirkara, soqt vettura b'numru ta' reġistrazzjoni DOR920:

1. Naqset li tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kont ħierġa fuq triq prinċipali;

2. U aktar meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involuntarjament ikkaġunat offiżi ta' natura gravi fuq il-

persuna ta' Glenn Debattista skond kif iċċertifika Dr Daniel Desira M.D minn M.D.H.

Din il-Qorti ntalbet li l-Intimata tiġi skwalifikat/a mill-liċenzji kollha tas-sewqan kif ukoll li f'każ ta' ħtija minbarra li tifliġġi l-piena skond il-Liġi, tnaqqas il-punti mill-liċenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S65.18 Art 36B u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-atti kollha tal-kaz u cioè l-Full Road Traffic Accident Report 8/R/4151/2020, id-dikjarazzjonijiet mahlufa ta' P.S. 3 Kevin Grima u tat-Tabib Dr Daniel Desira.

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza, cioè Glen Debattista, Amy Rodgers u l-Intimata Claudette Rodgers w ezaminat l-atti kollha tal-kawza.

Fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2021 saru d-dikjarazzjonijiet kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu.

IKKUNSIDRAT:

Dan il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh nhar is-26 ta' Ottubru 2020 ghall-habta ta' l-erbgha u ghoxrin minuta ta' wara nofsinhar fl-inkrocju li hemm bejn Triq Dun Gejtano Mannarino, Triq Filippu Borg u Triq Wignacourt, Birkirkara. Kienu nvoluti vettura tal-marka Daihatsu Terios bin-numru ta' registrazzjoni DOR920 misjuqa mill-Imputata, Claudette Rodgers, u mutur tal-marka WK Bikes Moto 125 bin-numru ta' registrazzjoni CCF 206. L-ufficjali tal-Pulizija li nvestigaw il-kaz kienu ħadu l-istqarrijiet *a tempo vergine* minghand is-sewwieqa nvoluti fl-incident. Glen Debattista stqarr li huwa kien qieghed isuq il-mutur tieghu bin-numru tar-registrazzjoni CCF 206 fi Triq Dun Gajtanu Mannarino, Birkirkara fid-direzzjoni mill-Msida lejn Birkirkara fejn jinsab il-hanut tal-McDonald's. Huwa qal li "*Ġara li f'hin minnhom, qadet u harget vettura minn naħa tax-xellug tieghi biex taqsam ghal faccata bil-konsegwenza li għalqitli t-triq. F'dawk l-istanti, jien ipprivajt nevita l-impatt billi nidħol 'il ġewwa iżda xorta spiċċajt biex ħbatt man-naħa tal-lemin ta' wara ta' dik il-vettura fejn konsegwentament spiċċajt tirt minn fuq il-mutur u waqajt fl-art.*" Huwa kkonferma din il-verzjoni meta xehed quddiem din il-Qorti. Claudette Rodgers stqarret li hija kienet qieghda ssuq il-vettura taghha li għandha n-numru tar-registrazzjoni DOR 920 fi Triq Wignacourt, Birkirkara sejra fid-direzzjoni lejn Triq Filippu Borg. Hija qalet li "*X'hin*

*wasalt biex naqsam Triq Dun Gejtanu Mannarino, jien waqft. Hemmhek jien iċċekjajt jekk kinux ġejjin vetturi minn fuq ix-xellug tiegħi fejn rajt li ma kienux ġejjin filwaqt li minn fuq il-lemin tiegħi, kien ġej vann abjad li però ċedieli biex noħroġ. Għalhekk jien bdejt ħierga biex naqsam għal faccata fejn x'ħin kont diġà qsamt, ġie mutur li qabeż minn barra dak il-vann li kien ċedieli w baqa' dieħel fuq in-naħa tal-lemin ta' wara tal-vettura tieghi.*" Bint l-Intimata tat l-istqarrija taghha wkoll. L-omm u l-bint kienu kkonfermaw dawn il-verżjonijiet tagħhom meta xehdu quddiem din il-Qorti. [Ara l-Full Road Traffic Accident Report 8/R/4151/2020].

Fid-dikjarazzjoni maħlufa tiegħu, PS 3 Kevin Grima filwaqt li xehed l-investigazzjoni tal-inċident u l-verżjonijiet dwar l-inċident li ħa meta mar fuq il-post tal-incident, osserva li kien hemm daqqa fuq in-naħa tal-lemin ta' wara tal-vettura tal-Intimata. L-istqarrija tas-sewwieq tal-mutur kien hadha l-għada tal-inċident mingħandu peress li kien ġie rikoverat l-isptar Mater Dei. Huwa qal ukoll li l-istess sewwieq kien ġie eżaminat minn Dr Daniel Desira u dan tal-ahhar kien iċċertifikah li kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi.

It-Tabib Daniel Desira għamel stqarrija maħlufa li hija mmarkata bħala Dokument ittra A (Dok A) in atti, fejn iċċcertifika lil Glen Debattista li kien ġarrab ġrieħi ta' natura gravi, salv kumplikazzjonijiet.

IKKUNSIDRAT,

Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-iskizz anness mar-rapport tal-inċident. Minn dan l-iskizz deher ċar li l-impatt sar fuq il-karreġġjata korretta tal-mutur jiġifieri li l-mutur fl-ebda mument ma jidher li kien qieghed *on the wrong side* tat-triq. Hu permess li l-muturi jsuqu u jimxi paralell ma' vetturi oħra jekk jibqgħu fl-istess karreġġjata. Mix-xiehda rriżulta wkoll li vann kien ċeda d-dritta tieghu favur il-vettura tal-Intimata; iżda jiġri dan u vettura ċċedi lill-oħra, din tal-aħħar meta tkun trid toħroġ minn side road, triq tkun żgura li m'hemmx vetturi oħra inkluż mutur li jinzerta jkun qieghed jokkupa l-istess karreġġjata. Mill-provi rriżulta li l-Intimata qabdet u ħarget meta s-sewwieq tal-vann ċedielha iżda ma ħarsietx biex tara kienx hemm vetturi / muturi oħra fl-istess karreġġjata, qabdet u ħarget u seħħet il-kollizjoni de quo.

Minn eżami bir-reqqa ta' dak kollu li ġgie pprezentat lilha, din il-Qorti ma tarax li l-Intimata ħandha tinstab ħatja ta' traskuraġni izda hi konvinta li l-

inċident ġara żgur b'nuqqas ta' ħsieb u għalhekk l-Intimata qiegħda tinstab ħatja ta' dan in-nuqqas ta' ħsieb fis-sewqan taghha.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, wara li rat l-Artikolu 226 (1) (b) u r-Regolament 76 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, din il-Qorti qieghda tiddikjara lill-Imputata ħatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra tagħha u għalhekk qiegħda tikkundanna tħallas multa ta' hames mitt Euro (€500) u sospenssjoni tal-liċċenji kollha tas-sewqan għal perijodu ta' tmient (8) ijiem.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**